ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 16** **IT-TNEJN 6 TA' MEJJU 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax il-Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Jason Busuttil, Charles Farrugia, Antoine Saliba u Sean Meli.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**16/01** **MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 16**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 15 li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' April 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il Kunsillier (11) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 15 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**16/02** **MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**16/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena mgħoddija mill-Gvern Ċentrali hija ta' Eur1,001,971 jigifieri Eur21,870 anqas mis-sena l-oħra. Fil-fatt dawn jikkonsistu Eur19,184 anqas fl-ammont allokat għat-*tipping fees*, u Eur2,686 anqas fl-allokazzjoni għan-nefqa għall-amministrazzjoni.

**16/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol ta' asfaltar minn Transport Malta fi Triq il-Belt Valletta tlesta, u li tinsab infurmata minn Transport Malta li ser isiru bollards fuq il-bankina biex jissalvagwardjaw lill-*pedestrians* minħabba li t-triq hija dejqa u bħala miżura temporanja sakemm it-triq tiġi mwessgħa.

**16/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-ġimgħa li jmiss ser tingħalaq parti minn Triq Manwel Dimech minħabba l-fatt li ser jibda l-proġett tal-*Flood Relief* fuq il-pont ta' dik it-triq. Is-Sindku kompliet tinforma lill-Kunsill li fil-laqgħa li kellha ma' Transport Malta dwar id-devjazzjoni tat-traffiku, esiġiet li jkun hemm preżenza ta' Pulizija sabiex it-traffiku jimxi aħjar. Is-Sindku kompliet li x-xogħlijiet għandhom ikunu lesti sal-15 ta' Lulju 2013, eżattament qabel il-festa ta' San Sebastjan u dan biex ma jtellifx il-festa.

**16/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kariga tal-Infrastruttura u Proġetti m'għadiex taqa' taħt il-Viċi-Sindku iżda ser tkun taħt ir-responsabbilta' tagħha.

Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirreġistra li huwa jħossu diżappuntat f'din id-deċiżjoni tas-Sindku li ġiet ikkomunikata lilu *b'email*, meta stenna li deċiżjoni bħal dik tiġi kkomunikata bit-telefown, għaliex huwa jħoss li dejjem ta l-kontribut tiegħu f'din il-kariga. Il-Viċi-Sindku semma każijiet fejn ħa interess aktar minn dak mistenni partikolarment fil-proġett tal-asfaltar ta' Triq il-Milied u ta' Triq Belt Valletta fost oħrajn. Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina għalaq billi ddikjara li huwa qed jistenna li s-Sindku tagħtih kariga ġdida kif titlob il-liġi, u t-tneħħija ta' din il-kariga mir-responsabbilta' tiegħu hija abbuż ta' poter min-naħa tas-Sindku.

Is-Sindku Rosianne Cutajar irrispondiet li ser tghaddi il-karigi l-ġodda lill-Vici-Sindku fil-jiem li ġejjin, filwaqt li fakkret li l-karigi jitqassmu lill-kunsilliera mis-Sindku skont id-diskrezzjoni tagħha.

*Addenda* *Is-Sindku Rosianne Cutajar irrispondiet li r-raġunijiet li wassluha għad-deċizjoni tagħha li s-Sur Jesmond Aquilina jitneħħa minn fuq il-Bord tal-Infrastruttura kienu minħabba l-attitudni mhux aċċettabbli tiegħu fil-konfront tal-applikanti li ġew intervistati u minħabba li huwa sostna quddiem terzi persuni li "d-deċizjonijiet teħodhom is-Sindku waħidha."*

Il-Kunsillier Ralph Puli xtaq jikkumenta li jkun ta' ġid ghall-Kunsill jekk is-Sindku u l-Vici-Sindku jiltaqgħu bejniethom u jinstab mod kif l-esperjenza tal-Viċi-Sindku tiġi użata skont il-*policies* li tixtieq is-Sindku biex il-Kunsill jieħu l-aħjar possibbli.

16/02/05 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-pjanti għar-riabilitazzjoni ta' Pjazza Alexandra huma lesti u l-perit tal-Kunsill ser japplika għall-permess tal-MEPA u għall-iffinanzjar tal-proġett taħt il-UIF kontemporanjament.

16/02/06 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur applika għall-permess tat-Transport Malta biex jibda x-xogħol ta' bdil ta' servizzi, bankini ġodda u asfaltar ta' Triq il-Milied.

16/02/07 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li n-*noticeboards* li huma *sponsored* minn Banif Bank ser jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku issu[[eriet biex dawn je]lu, waħda fejn il-latrina ta' Triq San Sebastjan u l-oħra ħdejn Ġnien iż-Żgħożija.

16/02/08 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-ġranet li għaddew persuni għalqu is-*service road* ta' Triq l-Imdina b'moz abbużiv għaliex sostnew li t-triq hija tagħhom privatament. Is-Sindku kompliet li wara li l-Kunsill għamel l-investigazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll ma' Transport Malta, ġie kkonfermat li din hija triq skedata u għaldaqsatnt għandha jkollha aċċess pubbliku u dawn l-persuni ma' għandhom l-ebda jedd fuq din it-triq. Il-Kunsill qabel biex jirrapporta l-każ lill-Pulizija sabiex jittieħdu passi u jitneħħa kull oġġett li tpoġġa b'mod abbużiv.

15/03 **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2013**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2013
**b)** *Bank Payments* April 2013.
**c)** *Petty Cash* April 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Il-Kunsillier Sean Meli** xtaq jastjeni għall-pagament nru 347 dwar pagament lill-Għaqda tan-Nar 23 ta' April u dan biex ikun konsistenti

meta kien astjena għall-istess raġuni f'seduta oħra meta tressaq pagament simili lill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li huwa ma jaqbilx ma' din l-astensjoni għaliex dawn l-għaqdiet qed jingħataw kontribut fuq l-istess linji li ingħataw għaqdiet oħrajn u għaldaqstant għandhom jiġu trattati bl-istess mod.

**Il-Kunsillier Sean Meli** xtaq jirreġistra li huwa favur li l-Kunsill jkompli jagħti kontribut lill-Għaqdiet tan-Nar fejn l-għan prinċipali tkun is-saħħa u s-sigurta' tal-parteċipanti.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u kien hemm (1) Astensjoni waħda.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina skuża ruħu mill-laqgħa fis-7.00pm.**

**16/04 MOZZJONIJIET**

**16/04/01 MOZZJONI – 63-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-**Kunsillier Robert Cremona** iressaq il-mozzjoni tiegħu:

*"Sabiex il-Kunsill isaħħaħ l-impenn tiegħu li jkun qrib in-nies, nipproponi li immedjatament nibdew naħdmu biex tinbena Facebook Page tal-Kunsill Lokali Qormi.*

*Din il-pagna uffiċjali għandha isservi biex jiġu promossi korsijiet edukattivi, attivitajiet mill-għaqdiet, inizjattivi mill-Kunsill Lokali, u jsiru ukoll avviżi ġenerali għall-pubbliku (mhux neċessarjament nies minn Ħal Qormi, bħal fil-każ ta' devjazzjoni tat-traffiku).*

*Il-paġna ghandha isservi ukoll biex:*
*a) il-pubbliku jkollu mezz ieħor fejn iwassal l-ilmenti*
*b) jingħata exposure akbar għall-għaqdiet Qriema*
*c) jitwassal aħjar il-messaġġ tal-Kunsill (ez. avviżi tal-Walking Club, Kumitat tal-Periferiji, etc)*
*d) ikunu jistgħu jiġu komunikati deċiżjonijiet importanti*
*e) u l-paġna tkun pjattaforma għas-sit elettroniku tal-Kunsill*

*Nemmen li din l-inizjattiva hija importanti ħafna għall-Kunsill tagħna, anke fid-dawl tal-fatt li Kunsilli oħrajn qed jaħdmu fuq proġett simili u allura huwa kruċjali li nkunu minn ta' quddiem f'dan is-servizz li jżomm lill-Kunsill Lokali eqreb tal-Qriema. "*

**Il-Kunsillier Ralph Puli issekonda din il-mozzjoni.**

**16/04/02** Wara diskussjoni dwar din il-mozzjoni ġie maqbul unanimament li għandu jiġi vverifikat dwar jekk hux possibli li din il-*Facebook* tkun biss bħala *noticeboard* fejn il-Kunsill jkun jista' juri l-avviżi iżda li fl-istess ħin ma jkunux jistgħu isiru kummenti biex jiġi evitat kull abbuż. Is-Sindku Rosianne Cutajar issuġġeriet li 'l quddiem il-Kunsill għandu jinvesti b'websajt aħjar li jkollha l-*Facebook* integrat biex ma jsirx xogħol doppju mill-istaff.

**Ivvutaw Favur Ghaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni sakemm dan il-*facebook* jintuża bhala *noticeboard* mill-Kunsill mingħajr ma jkun hemm il-facilita' li jsiru kummenti.**

**16/05 RAPPORTI**

**16/05/01 BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
***Servizz ta' Contract Manager***

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 8 ta' Marzu 2013 u kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgha 12 ta' April 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-12 ta' April 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Charles Farrugia, Robert Cremona u tal-Kunsillier Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva seba' (7) offerti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Robert Buhagiar | 2.9% |
| 2. | Design and Technical Resources Ltd | 1.5% |
| 3. | Synthesis Management Ltd | 2.65% |
| 4. | Mario Facciol | 4.8% |
| 5. | Annalise Farrugia | 1.8% |
| 6. | CMG Developers Ltd | 4.3% |
| 7. | George Spiteri | 3.9% |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Cremona u Charles Farrugia, kellu jiltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti nhar il-Ħamis 25 ta' April 2013, fejn iżda attendew biss is-Sindku Rosianne Cutajar, il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Bjorn Azzopardi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat.

F'din is-seduta, l-Bord iltaqa' mal-offerenti kollha. Ara **DOK "B"**

Wara li l-Bord għamel evalwazzjoni sia teknika (rapport tekniku anness) kif ukoll amministrattiva, il-Bord wasal f'konklużjoni li jerġa' jagħmel intervista oħra lit-tlett offerenti li kellhom esperjenza ma' Kunsilli Lokali oħrajn u li kellhom l-orħos offerta meta tiġi eskluża l-orħos offerta li kellha numru ta' sigħat inaċċettabbli, fejn għal din l-intervista għandu jkun hemm aktar membri tal-bord preżenti biex tingħata evalwazzjoni aktar fil-profond. Dawn l-offerenti huma : Robert Buhagiar, *Synthesis Management Services Ltd* u Annalise Farrugia.

Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirreġistra li ma kienx qed jaqbel ma' din il-konklużjoni peress li ladarba l-Bord qed jagħti prijorita lill-orħos offerta, il-Bord għandu jmur fuq l-offerta ta' Annalise Farrugia peress li hija l-orħos offerta u aċċettabbli fin-numru ta' sigħat u għandha esperjenza ma' Kunsill Lokali ieħor.

Fit-tieni seduta li nżammet nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2013, il-Bord kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, l-Kunsilliera Charles Farrugia, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat iltaqa' mat-tlett offerenti magħżula mill-Bord fl-ewwel seduta.

Wara li l-Bord iltaqa' mat-tlett offerenti, il-Bord iddeċieda li jagħti rakkomandazzjoni biex l-offerta tiġi mogħtija lill-orħos offerent f'dik hija perċentwali ta' 1.8% peress li tissodisfa in-numru ta' sigħat pproposti kif ukoll esperjenza adegwata ma' Kunsill Lokali ieħor.

Ghaldaqstant, il-Bord jagħti rakkomandazzjoni biex l-offerta ta' Contract Manager tingħata lill-Annalise Farrugia għar-rata ta' 1.8%.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħżel l-offerta ta' Annalise Farrugia bir-rata ta' 1.8% għar-raġunijiet msemmija hawn fuq.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u għaldaqstant għandha ssir l-proċedura biex jiġi ffirmat il-kuntratt u s-servizz jibda mill-1 ta' Ġunju 2013.

**16/05/02 BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
**Servizz ta' Knis ta' Toroq**

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar 2013 u kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-13 ta' Frar 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Charles Farrugia, Robert Cremona u tal-Kunsillier Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva ħdax (11) offerti.

| | | Section 1 | Section 2 |
|---|---|---|---|
| 1. | Anthony Zammit | 299,523.72 | 251,628.61 |
| 2. | Ronald and Christopher Bezzina | 55,000 | 48,000 |
| 3. | Owen Borg | 48,200 | 40,100 |
| 4. | WM Environmental Ltd | 46,500 | 33,790 |
| 5. | Elton John Zammit | 48,900 | 42,900 |
| 6. | Charles Gauci | -- | 41,500 |
| 7. | Emanuel Magro | 45,000 | 38,000 |
| 8. | Waste Collection Ltd | 48,635 | 38,578 |
| 9. | Mario Borg | 58,000 | 35,000 |
| 10. | Salvu Mifsud | 46,000 | 35,800 |
| 11. | Carmel Mazzitelli | 50,000 | 38,000 |

Fl-4 ta' April 2013 fil-5.00pm iltaqa' l-Bord tal-AggUdikazzjoni tal-offerta: Knis ta' Toroq, li fosthom kien hemm is-Sindku Rosianne Cutajar, l-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, l-Kunsillier Robert Cremona u bħala Segretarja tal-Bord, l-impjegata Bernice Darmanin.

Il-Bord iddeċieda li jsir *short listing* u jintuża bħala *benchmark* l-valur tal-kuntratti preżenti. Għaldaqstant ġie deċiż sabiex dawk it-tenders li qegħdin f'Section 1 bl-ammont iżjed minn €51,700 u Section 2 bl-ammont iżjed minn €44 jiġu eliminati, għalhekk Anthony Zammit (Section 1: €299,523.70, Section 2: €251,628.60) u Ronald u Christopher Bezzina (Section 1: €55,00, Section 2: €48,000) ġew eliminati awtomatikament.

Il-bord iddeċida li jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa 12 t' April bejn l-4.00pm - 6.00pm u jagħmlu intervisti lil dawn l-offerenti:

**Section 1:**

1. Emanuel Magro - €45,000
2. Saviour Mifsud - €46,000
3. WM Environmental Ltd - €46,500
4. Owen Borg - €48,200
5. Waste Collection - €48,635
6. Elton John Zammit - €48,900

**Section 2:**

1. WM Environmental Ltd - €33,790
2. Mario Borg - €35,000
3. Saviour Mifsud - €35,800
4. Carmel Mazzitelli - €38,000
5. Emanuel Magro - €38,000
6. Waste Collection - €38,578
7. Owen Borg - €40,100
8. Charlie u Joseph Gauci - €41,500
9. Elton John Zammit - €42,900

Il-Bord reġa' ltaqa' nhar il-Ġimgħa 12 t' April bejn l-4.00pm – 6.00pm fejn għamel l-intervisti lill-offerenti li ġew *shortlisted*. Preżenti fil-Bord, kien hemm is-Sindku Rosianne Cutajar, il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, il-Kunsillier Ralph Puli, il-Kunsillier Robert Cremona, il-Kunsillier Charles Farrugia u s-Segretarja tal-Bord, l-impjegata s-Sinjura Karen Camilleri.

Wara li l-Bord iltaqa' mal-kuntratturi li ġew *shortlisted* u għamel evalwazzjoni, il-Bord iddeċieda biex fir-rigward ta' Section 2, il-Bord jirrakkomanda biex l-offerta tiġi mogħtija lill-orħos offerent peress li hija offerta *technical* u *administrative compliant* kif ukoll il-kuntrattur wera li għandu esperjenza f'dan il-qasam ma' Kunsilli Lokali oħrajn u għandu l-apparat adegwat.

Għaldaqstant, il-Bord jagħti rakkomandazzjoni biex l-offerta ta' Servizz ta' Knis (Section 2) tingħata lil WM Environmental Ltd. għar-rata ta' Eur33,790 fis-sena.

Il-Bord iddeċieda sabiex fir-rigward ta' Section 1, isir *shortlisting* sabiex terġa' ssir intervista' lill-orħos erba' offerenti.

Il-Bord reġa’ ltaqa’ nhar il-Ġimgħa, 3 ta’ Mejju, fejn kien hemm preżenti s-Sindku Rosianne Cutajar, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Ralph Puli u Charles Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat.

Wara li l-Bord iltaqa’ mal-kuntratturi li ġew *shortlisted* u għamel evalwazzjoni, il-Bord iddeċieda biex fir-rigward ta’ Section 1, il-Bord jirrakkomanda biex l-offerta tiġi mogħtija lit-tieni l-orħos offerent (peress li l-orħos offerta mhijiex *technical/administrative complaint* u mingħajr esperjenza) li hija offerta *technical* u *administrative compliant* kif ukoll il-kuntrattur wera li għandu esperjenza f’dan il-qasam ma’ Kunsilli Lokali oħrajn u għandu l-apparat adegwat.

Għaldaqstant, il-Bord jagħti rakkomandazzjoni biex l-offerta ta’ Servizz ta’ Knis (Section 1) tingħata lil Saviour Mifsud għar-rata ta’ Eur 46,000 fis-sena.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet li l-Kunsill l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħżel l-offerta ta’ Salvu Mifsud bir-rata annwali ta’ Eur46,000 (sezzjoni 1) u lil WM Environmental Ltd bir-rata annwali ta’ Eur33,790 fis-sena, għar-raġunijiet msemmija hawn fuq.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ghaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-mozzjoni fejn is-servizz għandu jinghata bi prova ta’ sitt xhur mill-1 ta’ Gunju 2013, li jiġġedded għal massimu ta’ tlett snin.

**16/05/03 BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
***Rural Heritage Trail from tal-Blat to Tal-Hlas: Street Furniture***

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 25 ta’ Jannar 2013 u kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 23 ta’ Jannar 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa 1 ta’ Marzu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fl-1 ta’ Marzu 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Charles Farrugia, Robert Cremona u tal-Kunsillier Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tlett (3) offerti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Agius Stoneworks Ltd | a) Eur1958.80<br>b) Eur3020.80 |
| 2. | Paul Borg | a) Eur2,000.00<br>b) Eur8,000.00 |
| 3. | Kap Services Ltd | a) Eur2,478.00<br>b) Eur5,782.00 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina u mill-Kunsilliera Ralph Puli u Charles Farrugia u l-perit William Lewis, iltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord għamel referenza għall-parir legali tal-avukat.

Wara li l-Bord għamel evalwazzjoni fejn wasal f'konklużjoni li jagħżel l-orħos offerta għar-restawr tal-istatwa ta' San Gużepp, jigifieri dik ta' Agius Stoneworks Ltd. Peress li l-kuntrattur ma tefax bid-bond, l-orħos offerent ma setax jingħata x-xogħol għar-restawr tas-Salib tal-Vitorja wkoll għaliex l-ammont totali kien jaqbeż it-*treshold* li għaliha kellu jitfa' *bid-bond*. Għaldaqstant, il-Bord iddeċieda li x-xogħol għar-restawr tas-Salib tal-Vitorja jingħata lil Paul Borg li kellu t-tieni l-orħos offerta.

Għaldaqstant, il-Bord jagħti rakkomandazzjoni biex l-offerta għar-Restawr tal-Istatwa ta' San Guzepp tingħata lill-Agius Stoneworks Ltd għall-prezz ta' Eur3,020.80, filwaqt li għar-Restawr tas-Salib tal-Vitorja lill-Paul Borg għall-prezz ta' Eur2,000.00

Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirreġistra li huwa jastjena peress li s-Sindku Rosianne Cutajar kienet qaltlu biex ma jattendix għal dan il-bord, fejn iżda huwa attenda għaliex il-Kunsill kien approva mozzjoni li hu jkun parti mill-Bord.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aggudikazzjoni u jagħżel l-offerta ta' Agius Stoneworks ghar-restawr tal-istatwa bil-prezz ta' Eur3,020.80 u ta' Paul Borg ghar-restawr tas-Salib tal-Vitorja ghall-prezz ta' Eur2,000 għar-raġunijiet msemmija hawn fuq.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ghaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u għaldaqstant għandha ssir l-proċedura biex jiġi ffirmat il-kuntratt ħalli jkun jista' jibda x-xogħol.

**16/05/04 BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
***Research***

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 8 ta' Marzu 2013 u kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgha 12 ta' April 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-12 ta' April 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Chalres Farrugia u tal-Kunsillier Robert Cremona.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva (1) offerta wahda biss.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Misco International Ltd | € 16,402 |

Peress li l-offerta hija ghola mill-estimi, l-Bord jirrikmanda li l-offerta terga' tohrog b'xi modifiki fejn ir-ricerka ghandha ssir fuq *sample* ta' numru ta' residenti u mhux fuq l-ammont ta' *households* li hawn fil-lokalita.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jerga' johrog l-offerta.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u għaldaqstant għandha ssir l-proċedura biex terga tohrog l-offerta mill-gdid bil-modifiki necessarji.

**16/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'C 1-6'**

1. Talba mingħand Soċjeta Mużikali San Ġorġ Martri sabiex isiru dwal li jagħtu għal mal-faċċata tal-Każin. Il-Kunsill iddeċieda biex jirrispondi li d-dawl li sar ma' każin ieħor kien parti minn proġett li ġie ffinanzjat mill-UIF. Barraminnhekk dan id-dawl kien imqabbad mal-*istreet lighting* kif approvat mill-Enemalta. Il-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jilqa' t-talba għalissa minħabba li l-allokazzjoni għal din is-sena diġa ġiet allokata, li iżda ser japplika Enemalta biex eventwalment dan id-dawl jitqabbad mal-*istreet lighting.*

2. Ittra mis-Soċjeta Mużikali San Ġorġ Martri sabiex jingħalaq permezz ta' bollard l-isqaq ta' maġenb il-każin li jagħti għal Triq Dun Gerald Frendo. Il-Kunsill qabel li jikteb lir-residenti sabiex jaraw jekk hemmx oġġezzjonijiet u wara tinkiseb l-approvazzjoni tat-Transport Malta.

3. Ittra mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar għajnuna mill-Kunsill ghall-attivita' li ser jagħmlu fil-21 ta' Ġunju. Il-Kunsill iddeċieda li ma jilqax it-talba peress li l-fondi għal din is-sena diġa ġew allokati. Il-Kunsilllier Ralph Puli ssuġġerixxa sabiex lejn l-aħħar tas-sena l-għaqdiet jiġu mistiedna jibgħatu applikazzjoni għal attivitajiet simili għas-sena sussegwenti fejn il-Kunsill jkun jista' jiddeċiedi aħjar kif ser jikkontribwixxi. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

4. Ittra mill-Għaqda tan-Nar 23 ta' April għall-permess biex issir tiġrija taż-żwiemel fi Triq is-Sebħ. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-għaqda sabiex iġibu l-approvazzjoni tat-Transport Malta peress li Triq is-Sebħ hija triq arterjali, u mbagħad terġa' tersaq quddiem il-Kunsill għal deċiżjoni finali.

5. Talba dwar użu ta' Ġnien Armier għall-funzjoni fil-21 ta' Lulju. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba peress li dakinhar tkun il-festa ta' San Sebastjan. Il-Kunsill kien lest jikkunsidra li jiġi mikri it-Teatru Grieg, li s-soltu jkun magħluq, li jinsab fi Ġnien De La Cruz.

6. Tressqu kwotazzjoni u skizz tal-bandiera ta' Ħal Qormi li tinkludi l-Arma tal-Kunsill fuq sfond abjad b'burdura lewn id-deheb. Il-Kunsill approva dan l-iskizz u l-prezz ta' Eur1,160.

## 16/07 INFORMAZZJONI

**Il-Kunsilllier Jason Busuttil** fakkar fl-attivita' li ser issir mill-Għaqda tan-Nar 23 ta' April, fi Triq il-Wied, liema attivita' tagħmel parti mill-attivitajiet tal-kuntratt li hemm bejn l-għaqdiet tan-nar u l-Kunsill Lokali.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq fuq il-mejda tal-Kunsil statistika dwar il-korsijiet. Fis-sena li għaddiet kien hemm mat-870 persuna li attendiet għal xi kors li organizza l-Kunsill. **DOK "D"**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li huwa ġie infurmat li l-proġett ffinanzjat minn fondi ewropej dwar il-piroteknika huwa magħluq**.** Madanakollu, il-Kunsillier Bjorn Azzopardi qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jorganizza kors dwar il-kimika fil-piroteknika, liema kors jista' jinvolvi biss spejjeż ta' materjal peress li l-għalliem lest jagħtih mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Sindku stiednu lill-iskejjel sabiex jipparteċipaw fi programm ta' attivitajiet relatati ma' Jum Ħal Qormi. Dan jinkludi kompetizzjoni bejn it-tfal kif ukoll zjarat lill-Kunsill.

**Il-Kunsillier Sean Meli** informa lill-Kunsill li f'Jum Ħal Qormi fl-10.30am ser tigi organizzata *Story Telling* fi Ġnien Federico Maempel, fiz-zona ddedikata għat-tagħlim u l-qari, li ser ssir bil-kollaborazzjoni ta' Merlin Publishers.

**Il-Kunsilier Sean Meli** informa lill-Kunsill li fil-laqgha li saret mas-Segretajru Parlamentari għall-Anzjani u Persuni b'Diżabilita', intwera interess fil-ħolqien ta' *Night Shelter* fuq il-bini tal-Berġa tas-Saħħa. Il-Kunsill għandu jressaq proposta konkreta bi pjanti preliminari.

**Il-Kunsilllier Sean Meli** informa lill-Kunsill li minn riċerka li għamel mal-aġenzija Appoġġ, servizz ta' *community worker* jiġi jiswa Eur16000 + 15% *management fee*. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq talba formali lill-Ministeru responsabbli.

**16/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2013 fil-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:25 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)